27 ta' April 2026

L-Onor. Dr Anġlu Farrugia
Speaker tal-Kamra tad-Deputati

Bl-email permezz tal-Iskrivan tal-Kamra

Mr Speaker,

**EMENDI PROPOSTI FIL-QAFAS ETIKU**
**PERMEZZ TAL-MOZZJONI 464**

Nirreferi għall-mozzjoni numru 464 li qegħda quddiem il-Kamra tad-Deputati, u li qed tipproponi emendi għall-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati u l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Qed niktiblek biex inressaq il-veduti tiegħi dwar dawn l-emendi peress li huma materja li tikkonċerna l-uffiċċju tiegħi mill-qrib, tant li l-artikolu 13(1)(g) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta) jagħtini s-setgħa li nagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta' kull kodiċi ta' etika li japplika għal persuni li jaqgħu taħt l-Att.

## 1. L-inklużjoni ta' valuri

Nilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni tal-valuri ta' lealtà, oġġettività, onestà, kontabbiltà, trasparenza u kunfidenzjalità fl-emendi proposti għall-kodiċi ta' etika tad-deputati. Bl-inklużjoni ta' dawn il-valuri, il-kodiċi għandu jissaħħaħ konsiderevolment.

Fir-rigward tal-onestà, dan l-Uffiċċju rrimarka diversi drabi li dan il-valur għandu japplika għad-deputati kollha u mhux għall-ministri biss.

## 2. Ir-reġistru tal-assi

Napprezza wkoll il-proposta biex id-deputati jibdew jinkludu d-dħul tagħhom bħala parti mid-dikjarazzjonijiet annwali tal-assi tagħhom, kif ukoll jiddikjaraw assi intanġibbli u jagħtu aktar dettalji dwar il-propjetajiet immobbli tagħhom.

Għandi nosserva iżda li l-emendi jeliminaw l-obbligu li d-deputati jiddikjaraw propjetà immobbli miżmuma mill-konjuġi tagħhom taħt il-komunjoni tal-akkwisti.

L-emendi jeliminaw ukoll l-obbligu li l-ministri u s-segretarji parlamentari jiddikjaraw investimenti finanzjarji u kontijiet bankarji miżmumin mill-konjuġi tagħhom taħt il-komunjoni tal-akkwisti. Din l-informazzjoni kienet tiġi inkluża fid-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri, li ma baqgħux isiru mis-sena 2024 'l hawn, u li se jiġu eliminati formalment permezz tal-mozzjoni.

F'ittra datata 6 ta' Jannar 2026 lill-Prim Ministru,[1] jien għedt li l-eliminazzjoni ta' din l-informazzjoni tirrappreżenta daqqa lura għat-trasparenza pubblika. Għadni tal-istess fehma.

Nifhem il-preokkupazzjoni dwar il-privatezza ta' persuni li mhumiex fil-ħajja pubblika iżda huma konjuġi jew qraba ta' persuni fil-politika. F'dan il-kuntest nirreferi għal rapport maħruġ mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) f'Ottubru tal-2023, u li diġà rreferejt għalih fil-korrispondenza tiegħi mal-Prim Ministru. Dan ir-rapport jipproponi fost affarijiet oħra li l-Kummissarju għall-Istandards għandu jkollu s-setgħa li jitlob informazzjoni mingħand il-qraba ta' deputat jekk dan ikun neċessarju sabiex id-dikjarazzjoni tal-assi tad-deputat tiġi verifikata kif titlob il-liġi.[2] Din il-proposta tirrikonċilja t-trasparenza mal-privatezza, għaliex dan l-Uffiċċju jżomm l-informazzjoni miġbura minnu mistura jekk ma jsib ebda irregolarità fir-rigward tad-dikjarazzjoni tad-deputat. Fl-assenza ta' mekkaniżmu bħal dan, l-eliminazzjoni tal-obbligu tad-dikjarar ta' assi tal-konjuġi tqanqal tħassib serju.

Fl-ittra tiegħi lill-Prim Ministru, għedt li l-eliminazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri hija daqqa lura għat-trasparenza anki għaliex dawn id-dikjarazzjonijiet kienu jitqiegħdu fuq il-mejda tal-Kamra, mentri d-dikjarazzjonijiet tad-deputati ma jiġux ippubblikati.

Għalhekk ħadt pjaċir meta, waqt laqgħa tal-Kumitat Parlamentari dwar l-Istandards fit-23 ta' Marzu 2026, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Konstruzzjoni ntrabat li jintroduċi emenda biex id-dikjarazzjonijiet tal-assi tad-deputati jibdew jitqiegħdu fuq il-mejda tal-Kamra. Din l-emenda għadha mhix riflessa fit-test tal-mozzjoni, u għalhekk nifhem li l-Ministru biħsiebu jressaqha għall-konsiderazzjoni tal-Kamra meta l-mozzjoni tiġi diskussa.

---

1 Aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/letter-to-pm-2026-01-06-mt.pdf.

2 OECD, *Public Integrity in Malta: Improving the Integrity and Transparency Framework for Elected and Appointed Officials*, paġni 132–133. Ir-rapport huwa aċċessibbli minn https://www.oecd.org/en/publications/public-integrity-in-malta_0ecc469e-en.html.

## 3. Ir-reġistru tal-interessi

Nilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni ta' obbligu biex kull deputat jevita kunflitti bejn id-doveri tiegħu bħala deputat u l-interessi privati tiegħu.

Madankollu, din id-dispożizzjoni tista' tiġi interpretata b'mod ristrett wisq fil-forma preżenti tagħha. Fil-fehma tiegħi, għandha tiġi riveduta sabiex ikun ċar li se tapplika mhux biss għall-interessi personali ta' deputat, iżda anki għal dawk ta' persuni oħra qrib tiegħu. Bl-istess mod, l-artikoli 5.1 u 8.6 tal-kodiċi ta' etika ministerjali jirreferu b'mod espliċitu għall-membri tal-familja u persuni oħra qrib ta' ministru.

Nilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-proposta biex ikun hemm reġistru tal-interessi li jkun separat mir-reġistru tal-assi u jiġi aġġornat kull meta jinqala' l-bżonn, mhux darba fis-sena biss. Nilqa' anki l-fatt li l-obbligu tad-dikjarar tal-interessi mhux se japplika biss għal kunflitti relatati ma' leġiżlazzjoni quddiem il-Kamra, kif inhu fil-kodiċi eżistenti, iżda kunflitti relatati ma' kull xogħol ieħor tal-Parlament.

Nosserva iżda li m'hemmx relazzjoni ċara bejn il-klawżola 5A(1) tal-emendi, li tobbliga d-deputati **jevitaw** kunflitti ta' interess, u l-klawżola 5A(2), li tobbligahom **jiddikjaraw** tali kunflitti.

Mhux dejjem possibbli li kunflitt ta' interess jiġi evitat. F'sitwazzjoni bħal din, deputat għandu jkun jaf b'ċertezza x'azzjoni jmissu jieħu biex jirriżolvi l-kunflitt. L-emendi ma jindikawx jekk hux biżżejjed għal dan il-għan li d-deputat jiddikjara l-kunflitt, jew jekk għandux jieħu azzjoni ulterjuri, per eżempju billi jastjeni minn vot fil-Kamra jew jassenti ruħu minn laqgħa ta' kumitat.

## 4. Riformi pendenti

Ir-rapport tal-OECD li diġà rreferejt għalih jinkludi proposti importanti li għandhom ma ġewx indirizzati. Fost affarijiet oħra, dan ir-rapport jipproponi l-introduzzjoni ta' reġistru ta' rigali li jingħataw lid-deputati u lill-ministri; restrizzjonijiet fuq l-impiegi li jistgħu jiġu aċċettati minn ministru wara li jispiċċa mill-kariga; u r-regolamentazzjoni ta' kuntatti bejn ministri u "lobbyists".

Ir-riformi proposti mill-OECD jikkonċernaw mhux biss il-kodiċi ta' etika tad-deputati iżda anki dak tal-ministri. Kif għedt fl-ittra tiegħi tas-6 ta' Jannar 2026 lill-Prim Ministru, huwa partikolarment importanti li l-ministri jkollhom qafas etiku b'saħħtu minħabba s-setgħat tagħhom u r-riżorsi li jikkontrollaw.

Biss, il-mozzjoni 464 ma tinkudi l-ebda emendi għall-kodiċi ta' etika ministerjali, ħlief li telimina l-obbligu biex il-ministri jagħmlu dikjarazzjoni tal-assi separata minn dik tad-deputati. Tkun ħasra jekk tintilef l-opportunità biex issir riforma wiesgħa fil-qafas etiku tal-ħajja pubblika f'Malta kif propost mill-OECD.

**5. L-iskeda tal-Kap. 113**

Il-kodiċi ta' etika tad-deputati jinsab sew fl-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u sew fl-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (il-kapitolu 113 tal-liġijiet ta' Malta). Diġà hemm diskrepanzi zgħar bejn iż-żewġ verżjonijiet tal-kodiċi. Dawn id-diskrepanzi naturalment jikbru jekk il-mozzjoni 464 tgħaddi mingħajr ma tiġi emendata l-verżjoni tal-kodiċi li tinsab fil-Kap. 113.

Fil-fehma tiegħi, il-Kamra tad-Deputati tista' jekk tixtieq temenda ż-żewġ verżjonijiet tal-kodiċi permezz ta' mozzjoni waħda li ssir għall-finijiet kemm tal-Kap. 570 u kemm tal-Kap. 113.

**6. Pubblikazzjoni ta' din l-ittra**

Inkun grat jekk tista' tiċċirkola din l-ittra lill-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati u tqegħidha fuq il-mejda tal-Kamra qabel ma tiġi diskussa l-mozzjoni 464.

Min-naħa tiegħi, biħsiebni nippubblika din l-ittra fuq is-sit elettroniku tal-uffiċċju tiegħi, iżda b'rispett lejn l-uffiċċju tiegħek nippreferi nistenna sakemm l-ittra titqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra.

Nirringrazzjak u nsellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika